

**il-Belġju-Brussell: Tagħmir żgħir tat-TI**  
**OJ S 154/2017 12/08/2017**  
**Sejħa għal espressjonijiet ta' interess**  
**Fornituri**

---

**L-I Taqsima: L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt**

---

**I.1) L-isem, l-indirizzi u l-punt(i) ta' kuntatt:**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, General Secretariat, Procurement Coordination Unit, attention: The Procurement Coordination Unit, Office 10 70 KL 77, rue de la Loi 175, 1048 Brussels, IL-BELĠJU. Telefown +32 22818062. Faks +32 22800262. Email: [tendering@consilium.europa.eu](mailto:tendering@consilium.europa.eu)

**I-indirizz(i) tal-Internet:**

---

L-indirizz ġenerali tal-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt: <http://www.consilium.europa.eu>  
Aċċess elettroniku għall-informazzjoni: <https://etendering.ted.europa.eu/cft/cft-display.html?cftId=2815>

**Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-:**

---

Il-punt(i) ta' kuntatt imsemmi(ja) hawn fuq.

**L-ispeċifikazzjonijiet u dokumenti oħrajn jistgħu jinkisbu mill-:**

---

Il-punt(i) ta' kuntatt imsemmi(ja) hawn fuq.

**L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lil:**

---

Il-punt(i) ta' kuntatt imsemmi(ja) hawn fuq.

**I.2) It-tip ta' awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt:**

Istituzzjoni Ewropea/aġenzija jew organizzazzjoni internazzjonali.

**I.3) L-attività ewlenija:**

Servizzi għall-pubbliku ġenerali.

**4. L-għoti tal-kuntratt f'isem l-awtoritajiet l-oħra li qiegħdin joħorġu l-kuntratti:**

L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt qiegħda tixtri f'isem awtoritajiet oħrajn li qiegħdin joħorġu l-kuntratti: le.

---

**It-II Taqsima: L-objettiv tas-sejħa għal espressjonijiet ta' interess**

---

**II.1) It-titlu mogħti lis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess:**

Tagħmir żgħir tat-TI.

**II.2) It-tip ta' kuntratt jew il-post tax-xogħlijiet, il-post tal-kunsinna jew tat-twettiq:**

Il-provvisti.

Ix-xiri.

Is-sit ewlieni jew il-post tax-xogħlijiet, il-post tal-kunsinna jew tat-twettiq: Neder-Over-Heembeek, Brussell.

Il-kodiċi NUTS: BE1.

**III.3) Deskrizzjoni tal-qasam jew l-oqsma li jaqgħu taħt is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess:**

Il-provvista ta' tagħmir żgħir tat-TI, bħal:  
30200000 Tagħmir u provvisti tal-kompjuter.  
30230000 Tagħmir irrelatat mal-kompjuter.  
30233000 Apparati għall-ħażna tal-midja u tal-qari.  
30233100 Junits ta' ħażna tal-kompjuter.  
30233152 Apparat versatili li jaqra u/jew jaħraq id-diski diġitali (DVD).  
30233153 Apparat versatili li jaqra u/jew jaħraq id-diski kumpatti (CD) u d-diski diġitali (DVD).  
30234000 Mezzi biex tinħażen id-dejta tal-midja.  
30234400 Diski diġitali versatili (DVDs).  
30234500 Midja bil-memorja biex tinħażen id-dejta.  
30236000 Tagħmir varju tal-kompjuter.  
30237000 Partijiet, aċċessorji u provvisti għall-kompjuters.  
30237100 Partijiet ta' kompjuters.  
30237110 Konnessjonijiet tan-netwerk.  
30237120 Portijiet tal-kompjuter.  
30237135 Kards għall-konnessjoni tan-netwerk.  
31111000 Adapters.  
31121110 Apparat għall-konverżjoni tal-enerġija.  
31214100 Swiċċijiet.  
32420000 Tagħmir tan-netwerk.  
32421000 Kejbils tan-netwerk.  
32422000 Komponenti tan-netwerk.  
32423000 Il-punti ċentrali fejn jitqabbd u l-konnessjonijiet tan-netwerk ('hubs').  
44322200 Konnetturi tal-kejbil.  
It-tagħmir tan-netwerk li jista' jkun immuntat fuq xtrilliera mhux fi ħdan l-għan ta' din is-sejħa għall-espressjoni ta' interess.

#### II.4) **Tagħrif dwar il-lottijiet:**

Din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess hi maqsuma flottijiet: le.

#### II.5) **Tagħrif dwar l-għoti ta' xogħol lil terzi:**

L-għoti ta' xogħol lil terzi huwa aċċettat: iva.

Il-kundizzjonijiet għas-sottokuntrattar:

Kull sottokuntrattur irid jiffa' stqarrija dwar il-kriterji tat-twarrib u l-għażla ffirmata u datata b'mod xieraq.

Jekk jogħġbok idħol fis-sit li ġej: <https://etendering.ted.europa.eu/cft/cft-display.html?cftId=2815>

#### II.6) **Il-vokabularju komuni dwar il-ksib (VKK):**

30234000, 30234400, 30234500, 30236000, 30237000, 30237100, 30237110, 30237120, 30237135, 31111000, 31121110, 31214100, 32420000, 32421000, 32422000.

#### II.7) **Tagħrif addizzjonali:**

Sabiex jagħtu xhieda li mhumiex f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikli 106 u 107 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-Unjoni, il-kandidati għandhom jipprovdu dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom, iffirmata kif suppost u bid-data minn rappreżentant legali tal-kumpanija. Verżjoni konsolidata ta' dan ir-Regolament tinstab fuq is-sit tal-EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32012R0966&from=en>).

### **It-III Taqsima: It-tagħrif legali, ekonomiku, finanzjarju u tekniku**

#### III.1) **Il-forma legali li trid tittieħed mill-gruppi tal-fornituri, kuntratturi jew fornituri tas-servizz li lilhom jista' jingħata l-kuntratt:**

Is-sehem huwa miftuħ lill-entitajiet legali kollha li qegħdin jieħdu sehem b'mod individwali jew bħala parti minn konsorzju ta' kandidati jew sottokuntrattur. Kull operatur ekonomiku interessat irid jimla u jiffirma l-istqarrija dwar il-kriterji tat-twarrib u l-għoti.

F'każ ta' grupp ta' operatori ekonomiċi/konsorzju jew sottokuntrattur, kull membru tal-grupp jew kull sottokuntrattur irid jitfa' stqarrija dwar il-kriterji tat-twarrib u l-għażla ffirmata u datata b'mod xieraq. Il-membri kollha tal-konsorzju, inkluż is-sottokuntratturi, ma jridux ikunu fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet tat-twarrib imsemmija f'Artiklu 106 u 107 tar-Regolament Finanzjarju (ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25.10.2012, kif immodifikat mir-Regolament (UE, Euratom) 2015/1929 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28.10.2015). L-istqarrija fuq l-unur iffirmata li tgħid li l-kandidat mhux fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li jwasslu għat-twarrib mis-sehem fil-proċeduri tal-ksib se tkun ivverifikata mill-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt, kif meħtieġ.

Is-Segretarjat jirriżerva d-dritt li jitlob kwalunkwe wieħed mis-sottokuntratturi biex jitfa' d-dokumenti li jsostnu kif jidhru fid-dikjarazzjoni fuq l-unur — It-Taqsima VII — Il-kriterji tal-għażla.

Il-formola 'Dikjarazzjoni fuq l-unur' hi disponibbli fl-indirizz li ġej: <https://etendering.ted.europa.eu/cft/cft-display.html?cftId=2815>

### III.2) Il-qagħda ekonomika u finanzjarja:

Ara d-dikjarazzjoni fuq l-unur — It-Taqsima VII — Il-kriterji tal-għażla.

Biex ikollok aċċess għall-formola tad-dikjarazzjoni fuq l-unur jekk jogħġbok ara l-indirizz li ġej: <https://etendering.ted.europa.eu/cft/cft-display.html?cftId=2815>

### III.3) Il-ħila teknika:

Ara d-dikjarazzjoni fuq l-unur — It-Taqsima VII — Il-kriterji tal-għażla.

Biex ikollok aċċess għall-formola tad-dikjarazzjoni fuq l-unur jekk jogħġbok ara l-indirizz li ġej: <https://etendering.ted.europa.eu/cft/cft-display.html?cftId=2815>

### III.4) Il-kompetenza professjonali:

Ara d-dikjarazzjoni fuq l-unur — It-Taqsima VII — Il-kriterji tal-għażla.

Biex ikollok aċċess għall-formola tad-dikjarazzjoni fuq l-unur jekk jogħġbok ara l-indirizz li ġej: <https://etendering.ted.europa.eu/cft/cft-display.html?cftId=2815>

## Ir-IV Taqsima: Il-proċedura

---

### IV.1) It-tip ta' proċedura:

Ristretta.

### IV.2) Ir-raġunijiet għat-twarrib:

L-applikanti se jinżammu milli jieħdu sehem f'kuntratt jekk:

(a) huma falluti, qiegħed jingħalqilhom in-negozju jew waqqfu l-attivitajiet tan-negozju, l-affarijiet tagħhom qegħdin ikunu amministrati mill-qorti, daħlu fi ftehim mal-kredituri, jew miżuri tal-istess tip jew huma s-suġġett ta' proċeduri ta' dak it-tip, jew jinsabu f'xi sitwazzjoni bħal din li ġejja minn proċedura tal-istess tip li taqa' taħt il-leġislazzjoni jew ir-regolamenti nazzjonali;

(b) kienu nstabu haġja ta' nuqqas marbut mal-imġiba professjonali tagħhom permezz ta' sentenza li ma tistax tkun appellata;

(ċ) kienu haġja ta' kondotta professjonali ħażina ħażna;

(d) huma ma mxewx mal-obbligi marbuta mal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew tat-taxxi;

(e) huma haġja li ppruvaw iqarrqu b'mod serju meta taw it-tagħrif mitlub mid-dipartiment tal-awtorizzazzjoni;

(f) oħrajn: ara d-dikjarazzjoni fuq l-unur — It-Taqsima I — Sitwazzjoni ta' twarrib li għandha x'taqsam mal-persuna.

### IV.3) **Il-kriterji tal-għażla:**

Il-kandidat irid ikollu l-ħila legali u regolatorja biex iwettaq l-attività professjonali meħtieġa għat-twettiq tal-kuntratt, jagħti prova ta' dħul minimu ta' EUR 65 000 għal kull sena mill-aħħar 3 snin finanzjarji, u jippreżenta 3 referenzi għall-kuntratti b'valur minimu ta' EUR 30 000 kull wieħed li għadhom għaddejin jew ġew imwettqa matul dawn l-aħħar 3 snin.

Għad-dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima VII tal-formola 'Stqarrija fuq l-unur', disponibbli fuq <https://etendering.ted.europa.eu/cft/cft-display.html?cftId=2815>

### IV.4) **Tagħrif amministrattiv**

#### IV.4.1) **In-numru ta' referenza tal-fajl:**

AMI 028/17.

#### IV.4.2) **Iż-żmien li fih tibqa' tgħodd il-lista li titħejja permezz ta' din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess:**

Il-lista se tkun valida għal 4 snin mid-data li fiha dan l-avviż jintbagħat lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Biex applikazzjonijiet jidhru f'din il-lista, jistgħu jintbagħtu f'xi żmien tul il-perijodu ta' validità ta' din il-lista, bl-eċċezzjoni tal-aħħar 3 xhur ta' dak il-perijodu.

#### IV.4.4) **L-ilsien (l-ilsna) li bih (bihom) għandhom isiru l-applikazzjonijiet:**

Kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE.

### **Is-VI Taqsima: Tagħrif kumplementari**

---

#### VI.1) **Il-preżentazzjoni u t-tfiġh tal-applikazzjonijiet:**

Operaturi ekonomiċi li huma interessati fil-kuntratti, li l-għan tagħhom hu mfisser fil-punt III.1 ta' dan l-avviż, huma mistiedna biex jibagħtu talba biex jieħdu sehem.

Il-passi li wieħed irid isegwi:

a. il-formola għall-istqarrija fuq l-unur hi aċċessibbli fuq: <https://etendering.ted.europa.eu/cft/cft-display.html?cftId=2815>

b. imla l-formola billi tagħti d-dettalji tal-kumpanija li qed tirrappreżenta. Il-formola trid tkun iffirmata u datata kif inhu xieraq minn rappreżentant legali tal-kumpanija (trid tingħata prova tal-awtorizzazzjoni). Kopja ta' kwalunkwe dokument uffiċjali trid tkun mehmuża (e.g. il-gazzetta uffiċjali, ir-reġistru tal-kumpaniji, eċċ.) li juru l-isem tal-kumpanija u l-indirizz u n-numru ta' reġistrazzjoni mogħti mill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll kopja tad-dokument ta' reġistrazzjoni tal-VAT jekk applikabbli u jekk in-numru tal-VAT ma jidherx fuq id-dokument uffiċjali msemmi qabel. Il-kandidati rreġistrati bħala individwi, iridu jehmżu fotokopja li tingħata tal-karta tal-identità jew tal-passaport tagħhom;

ċ. kandidati jistgħu jew jibagħtu t-talba tagħhom biex jieħdu sehem permezz ta' posta rreġistrata lill-indirizz postali msemmi f'punt I.1) hawn fuq jew tkun ikkunsinnata bl-idejn jew permess ta' servizz ta' kurrier privat lill-indirizz li ġej: chaussée d'Etterbeek 70 — il-post fejn jinħatt ix-xogħol, 1040 Brussels, IL-BELĠJU (il-'quai de déchargement' (il-post fejn jinħatt ix-xogħol) hu miftuħ mit-8:30 sal-16:30 fil-ġranet tax-xogħol).

L-envelop għandu jkollu r-riferenza 'AMI 028/17'.

Talbiet għas-sehem mibgħuta bil-faks jew l-Email mhux se jkunu aċċettati.

Id-dokumenti kollha li jsostnu mitluba fit-'Taqsima VII — Il-Kriterji tal-għażla' tad-dikjarazzjoni fuq l-unur għandhom ikunu mehmuża mal-applikazzjoni.

#### VI.2) **Tagħrif addizzjonali:**

L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt tfassal lista ta' kandidati li jissodisfaw il-kriterji tal-għażla mniżżla fid-dikjarazzjoni fuq l-unur.

Kull darba li jkun se jsir kuntratt marbut mal-qasam imfisser f'punt III.1, l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt se tistieden lill-kandidati kollha fil-lista biex jitfgħu offerta.

Il-lista li tirriżulta minn dan l-avviż se tkun użata biss għal kuntratti li jaqgħu barra mill-għan tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

L-ewwel sejħa għall-offerti li toħroġ minn din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess x'aktarx se tkun immedija matul Settembru tal-2017. Għalhekk qed issir rakkomandazzjoni lill-operaturi ekonomiċi interessati biex jibagħtu t-talba tagħhom biex jieħdu sehem kemm jista' jkun malajr. Il-kandidati se jkunu mgħarrfa dwar xi jkun sar mill-applikazzjonijiet tagħhom.

**VI.3) Id-data tad-dispaċċ ta' dan l-avviż:**

2.8.2017.